# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 26**

9 ta' Frar 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**M I N U T I**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

Is-Sindku Davina Sammut Hili fetħet il-laqgħa billi qalet li tixtieq turi s-sogħba tagħha għat-telfa tan-nanna tal-Kunsillier JAE. Il-Kunsillier JAE min-naħa tiegħu rringrazzja lill-Kunsill tas-solidarjetà li wera miegħu kif ukoll tal-bukkett fjuri li ntbagħat dakinhar tal-funzjoni. Il-Viċi Sindku VB skuża ruħu talli ma setax jattendi l-funzjoni.

## 26.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

26.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

## 26.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;

26.2.1. Is-Sindku resqet il-minuti tal-ħamsa w għoxrin (25) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

26.2.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq korrezzjoni ta' materja nru 25.9.1.3 u materja nru 25.11.1 li għandha taqra "il-Viċi Sindku VB". Il-Kunsill approva l-korrezzjonijiet proposti.

26.2.3. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f' 26.2.1.

Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 5 | (JAE, AD, DSH, VB, AGS) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjoni | - | 0 | |

26.2.4. Sussegwentement il-minuti tal-laqgħa ġew iffirmati mis-Sindku DSH u mis-Segretarju Eżekuttiv MLL.

26.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 25.4.1 u staqsa jekk il-kotba kienux inxtraw. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dawn kienu nxtraw u l-Kunsill kien għadu kif irċieva l-invoice relatata magħhom.

26.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 25.4.4 u staqsa dwar iz-zebra crossing ta' Pjazza San Kalcidonju. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kienet intbagħtet korrispondenza lis-Sur Silvio Scerri iżda kien għad m'hemmx risposta. Is-Sindku DSH qalet li din iz-zebra crossing kienet ġiet mitluba mill-Gvern Centrali u għalhekk l-ispiża għandha idealment tiġi assorbita minnhom.

26.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 25.5.1 dwar il-proġett tal-MEUSAC u staqsa jekk kienx hemm risposta mingħand il-Professur Torpiano. Is-Sindku DSH qalet li l-Professur Torpiano kien talab iktar żmien sabiex joħroġ b'ideat ta' x'jista' jsir. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hu kien qed joffri l-assistenza tiegħu fuq dan il-proġett. Il-Kunsillier JAE qal li kien lest joffri l-għajnuna tiegħu biex jindikalu min kienu l-istudenti.

26.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 25.6.1 rigward Taħt il-Forka u staqsa jekk kienx hemm xi risposta mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Is-Sindku DSH informat li l-Viċi Sindku kellu laqgħa mal-Ministru Abela fejn kien informah li kienu diġà tkellmu mal-Perit tal-AFM u talbu sabiex jikkonsulta miegħu.

26.2.8.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-materja nru 26.2.8 u qalet li kien hemm permess tal-MEPA sabiex issir *slope*. Il-Viċi Sindku VB qal li l-Kunsill ser jinsisti biex tiġi rranġata r-rampa.

26.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 25.11.5 rigward il-funtani u staqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Segretarju Eżekuttiv informat li kienu nġiebu kwotazzjonijiet għall-grids. Is-Sindku DSH qalet li l-materja tinsab fuq l-aġenda u għalhekk ser tiġi diskussa fid-dettal iktar tard.

26.2.10. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 25.11.3 u staqsa kif kien baqa' l-Kunsill rigward il-permessi tal-gabbana tal-KGV. Is-Sindku DSH informat li l-permess kien inqaleb fuq il-Kunsill u l-materja kienet ġiet konkluża. Hija żiedet tgħid li min jieħu t-tender il-ġdid tal-gabbana, ser jitniżżel bħala operatur biex f'każ li jinqala' xi ħaġa partikolarment li tmur kontra l-liġi, il-Kunsill ikun kopert.

26.2.11. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 25.12.1 u staqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Segretarju Eżekuttiv MLL wieġbet li kien għad m'hemm l-ebda assikurazzjoni li x-xogħol fuq il-bejt ser ikun lest sa dakinhar tal-Festival Nazzjonali għal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Il-Kunsillier AGS qal li x-xogħol kien beda u jassumi li għandu jitlesta fi żmien xahar u nofs. Huwa kompla billi issuġġerixxa li l-Kunsill jew il-koordinatur tal-festival, għandhom jitkellmu mas-Segretarju tal-Floriana FC sabiex tkun tista' tingħata konferma. Is-Sindku DSH qalet li għandha tikkomunika hi mas-Sur Dione Borg u tinforma lill-Kunsill bl-eżitu.

## 26.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

### 26.3.1 ĦSARAT FIS-SISTEMA TAD-DAWL FI TRIQ SANT' ANNA
### 26.3.2 U FIL-KGV

Is-Sindku DSH informat li dakinhar kienet inżammet laqgħa ma' Nexos fejn ġew diskussi l-ħsarat li kien hemm fl-elettriku fi Triq Sant'Anna kif ukoll fil-KGV. Hija qalet li dawn il-ħsarat kienu ser jammontaw għal spiża kbira, u għalhekk minħabba restrizzjonijiet finanzjarji, kien hemm bżonn li l-Kunsill jieħu deċiżjoni fuq liem ħsara ser tissewwa l-ewwel. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel jibda t-tiswija fuq id-dawl tal-KGV u dan minħabba diversi raġunijiet: il-ħsara fil-KGV hija imminenti minħabba li l-ġnien jintuża ta' sikwit fil-ġranet li ġejjin kif ukoll minħabba li meta tinqala' l-ħsara fi Triq Sant'Anna tiġi rranġata dakinhar stess. Is-Sindku DSH issuġġeriet li l-Kunsill jibda jsewwi biċċa biċċa, u jara sa fejn tasal l-ispiża.

26.3.1.1. Il-Kunsillier AGS staqsa jekk tistax tinstab għajnuna mill-Gvern Ċentrali rigward l-ispiża ta' Triq Sant'Anna u dan minħabba li din hija triq arterjali. Is-Sindku DSH qalet li kienet ser tiddiskuti dan fil-laqgħa tal-VFRP u ser tipprova titlob l-għajnuna għal dawn il-ħsarat.

26.3.1.2. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-problema tad-dawl quddiem Binja Vilhena. Is-Sindku DSH informat li l-problema kienet inqalgħet minħabba li meta tneħħa l-meter

tad-dawl, ġie nnotat li d-dawl ma kienx tħallas għal diversi snin. Hija żiedet tgħid li l-Awtorità' tad-Djar kienet ser tassumi r-responsabbiltà tal-konsum tal-elettriku li kien hemm sad-data iżda rrifjutat li tkompli tassumi responsabbiltà' ta' dan il-meter minn dakinhar 'il quddiem. Is-Sindku DSH qalet li ladarba l-ġnien ma kienx devolut lill-Kunsill, ma kienitx ser taċċetta li l-Kunsill jassumi r-responsabbiltà tiegħu. Il-Kunsillier AD issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob li l-ġnien jiġi devolut lill-Kunsill, bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm bilanċ pendenti minn qabel id-data tat-trasferiment. Il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika mal-Gvern sabiex tinstab soluzzjoni.

### 26.3.3 XOGĦOL TA' RESURFACING – TRIQ JOHN LOPEZ, TRIQ VILHENA U TRIQ L-ISQOF MAURO CARUANA

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-laqgħa li nżammet mar-Road Servicing, Water Services Corporation u l-Perit tal-Kunsill rigward ix-xogħol tar-resurfacing. Hija nformat li l-WSC kienu ser jassumu l-ispiża tax-xogħol tagħhom u li l-Kunsill kien ser joħroġ l-ispiża relatata mar-road surfacing. Is-Sindku DSH żiedet tgħid li l-Perit tal-Kunsill kien innota li ma kienx hemm spiża kbira relatata mat-tiswija tal-bankini u għalhekk intalbet kwotazzjoni biex tiġi determinata l-ispiża relatata jekk ikollu jsir dan ix-xogħol.

### 26.3.4 STQARRIJA STAMPA

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-istqarrija stampa maħruġa mill-Kunsill dwar diversi artikli fil-media lokali. Is-Sindku żiedet tgħid li l-Kunsill għandu jkompli jisħaq dwar il-konfini tal-lokalita'. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li għandu jerġa jintbagħat l-email dwar l-isem uffiċjali tal-lokalita' tal-Floriana minħabba li ta' sikwit jinnota li l-isem tal-lokalita' qed jiġi ikkwotat ħażin. Il-Kunsillier AGS issuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jitlob li l-isem tal-Valletta Waterfront jiġi mibdul għal-Waterfront biss u dan minħabba li l-Waterfront jaqa' taħt il-konfini tal-Floriana.

### 26.3.5 CAMERA MOBBLI

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-kamera mobbli u qalet li kien hemm bżonn li din tiġi rilokata minħabba li l-post fejn ġiet installata kien ħażin u ma kienitx qed taqbad il-persuna kollha. Il-Kunsill qabel li din tiġi rilokata.

### 26.3.6 PARKEĠĠ RISERVAT QUDDIEM L-ARĊIPRIET

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal-laqgħa li nżammet mal-Arċipriet u qalet li kien ġie deċiż li jingħata parkeġġ riservat lill-Arċipriet tal-lokalita' fit-triq biswit l-uffiċċju Parrokjali.
Hija żiedet tgħid li l-Keep Clear li kien hemm quddiem il-Knisja kienet ser tiġi modifikata u parti minnha (fin-naħa fejn hemm parkeġġ riservat għall-persuni bi bżonnijiet speċjali) ser tiġi riservata għall-kleru. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li din għandha tkun riservata biss għall-*Floriana Parish Church Clergy*.

### 26.3.7 LAQGĦA MAL-MINISTRU KONRAD MIZZI

Il-Viċi Sindku VB informa li kienet inżammet laqgħa mal-Ministru Konrad Mizzi fejn kienu ġew diskussi diversi punti:

**Fanali ta' fuq il-Fosos:** Il-Kunsillier AD qal li l-problema hija li ma kienx hemm kurrent biex dawn il-fanali jinxteghlu u spjega għalfejn dawn kienu ġew skonnettjati. Il-Viċi Sindku VB qal li l-Ministru kien qabel li għandha tinstab soluzzjoni u kkonferma li ser jara x'jista' jsir f'dan ir-rigward.

**Bir ta' ħdejn l-AGFA:** Il-Viċi Sindku VB informa li kien ġie deċiż li jintbat xi ħadd sabiex jiċċekkja l-ħsara li hemm fil-bir peress li ma kienx qed iżomm  ilma u jara x'hemm bżonn li jsir.

### 26.4 RAPPORTI

26.4.1. Ma kienx hemm materji diskussi.

### 26.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

### 26.5.1 NIĊĊA

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-materja tan-niċċa u qalet li s-Sur Pierre Azzopardi kien aċċetta u ta l-awtorizzazzjoni tiegħu biex il-meter tan-niċċa jiġi trasferit f'isem il-Kunsill u biex in-niċċa ssir responsabbiltà' tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jassumi r-responsabbiltà' tan-niċċa u biex jibda' l-proċess ħalli l-meter jinqaleb f'isem il-Kunsill.

### 26.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;

26.6.1. Il-Kunsillier AGS informa li kien iltaqa' mas-Sur Charles Farrugia u kien iddiskuta miegħu rigward is-sottokumitat tal-isports.

### 26.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI;

### 26.7.1 SKEDA TA' PAGAMENTI

26.7.1.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 22/07 għall-approvazzjoni.

26.7.1.2. Il-Kunsillier JAE astjena minħabba konflitt t' interess fil-pagamenti taċ-Cheques numru 13941 u 13962.

26.7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet  indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija  - eskluż dawk il-ħlasijiet fejn kien hemm l-astensjonijiet imsemmija tal-Kunsillier JAE, bir-riżultat ikun favur unanimament.

Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Favur | - | 5 | (VB, JAE, DSH, VB, AGS) |
| Kontra | - | 0 | |
| Astensjonijiet | - | 1 | (JAE,) (Cheque numru 13941 u 13962) |

**26.8 MOZZJONIJIET**

**26.8.1 MOZZJONI MRESSQA MINN JAE – TISBIĦ TAS-SUBWAYS**

Il-Kunsillier JAE ippropona li ssir tpinġija ta' punti t'interess fil-Floriana mal-ħitan tas-subways.

Il-Kunsillier AD qal li jaqbel mal-kunċett iżda jipproponi li t-tpinġija ssir minn artisti Furjaniżi stess.

Il-Viċi Sindku VB qal li għalkemm l-idea hija sabiħa, ma jaqbilx li għandu jitneħħa l-madum tas-subway minħabba li apparti l-ispiża, dan kien għadu kif sar. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li jaf tkun tista' ssir tpinġija fuq il-madum stess. Il-Viċi Sindku qal ukoll li jkun aħjar li kieku ssir tpinġija fuq ħajt x'imkien fejn ser tgawdih il-lokalità kollha.

Il-Kunsillier JAE qal li l-ewwel ikun hemm bżonn li tingħata approvazzjoni mill-Ministeru. Huwa qal li tali spiża tista' tintrabat mal-attivitajiet tal-V18 u tiġi assorbita minnhom. Huwa qal li dan ikun l-ewwel pass biex tingħata ħajja lis-subway.

Is-Sindku DSH issuġġeriet li tressaq din il-materja matul il-laqgħa tal-VFRP. Il-Kunsill qabel.

**26.8.2 MOZZJONI MRESSQA MINN JAE – BINS FI PJAZZA PAPA ĠWANNI XXIII**

Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-ħruq li kien hemm f'xi bins fiż-żona, u ippropona li jitwaħħal *cigarette bin* ma' xi wħud mill-bins. Is-Sindku DSH wieġbet li dawn il-bins ma kienux responsabbilta' tal-Kunsill. Għalhekk il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jitlob lill-kumpaniji li hemm fiz-zona sabiex jikkunsidraw li jwaħħlu *cigarette bins* huma. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

Il-Kunsillier AGS ippropona li jitwaħħal *dog bin* fiz-zona ta' Pjazza Emanuel S. Tonna. Il-Kunsill qabel li għandu jwaħħal *bin* fuq il-bankina man-naħa tal-Malta Scouts Association.

**26.8.3 MOZZJONI MRESSQA MINN JAE – KWESTJONARJU LIT-TFAL TAL-ISKOLA PRIMARJA**

Il-Kunsillier JAE ppropona li jitfassal kwestjonarju li jingħata lit-tfal tal-Iskola Primarja. Huwa żied jgħid li jemmen li l-iktar ideat ġenwini u innovattivi jiġu mit-tfal u għalhekk ikun tajjeb li l-Kunsill jikkunsidra l-proposti tagħhom. Il-Kunsillier JAE żied jgħid li għandha l-ewwel tinġieb l-approvazzjoni tas-Surmast tal-iskola. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Is-Sindku DSH qalet li għandha titkellem mas-Surmast u tara l-opinjoni tiegħu dwar dan.

**26.9 OFFERTI PUBBLIĊI**

**26.9.1 TENDERS MIFTUĦIN GĦALL-PUBBLIKU**

Is-Sindku DSH informat li kienu ħarġu t-tenders tal-*crash barriers* u tal-Esklussività għall-bejgħ ta' ikel u xorb matul il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, kif ukoll it-tender għal-servizzi ta' perit. Is-Sindku DSH issuġġeriet li l-Kunsill ikompli juża s-servizzi tal-Perit eżistenti sakemm jiġi deċiż it-tender il-ġdid.

Is-Segretarju Eżekuttiv MLL talbet li jkunu nominati l-membri tal-bord tal-aġġudikazzjoni ta' dawn it-tenders. Il-Kunsill qabel li l-membri fuq dan il-bord għandhom ikunu: is-Sindku bħala Chairperson; Viċi Sindku VB, JAE u AD bħala membri u s-Segretarju Eżekuttiv MLL bħala segretarju.

**26.9.2 TENDER – ĠBIR TA' SKART GOFF**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għat-tender tal-ġbir ta' skart goff u nformat li l-kuntrattur il-ġdid kien beda b'effett mill-1 ta' Frar 2017.

**26.9.3 ESPRESSJONI T'INTERESS: GABBANA TAL-KGV**

Is-Sindku DSH informat li għandha toħroġ ukoll espressjoni t'interess għall-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

**26.9.4 EŻITU TAL-KAWŻA KONTRA S-SUR JUSTIN ATTARD**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-kawża li l-Kunsill għandu kontra s-Sur Justin Attard u nformat li din il-kawża kienet inqatgħet favur il-Kunsill u li l-Kunsill kellu jieħu €15,000. Hija issuġġeriet li ladarba jagħlaq il-perjodu tal-appell, il-Kunsill għandu jipproċedi li jimxi bil-mandati. Il-Kunsill qabel.

**26.9.5 BIN LINERS**

Is-Sindku DSH informat li kienet ingiebet kwotazzjoni għall-bin liners li tammonta għal madwar €60 kull liner. Il-Kunsill qabel li għandu jordna tliet liners.

**26.9.6 METAL GRID GĦALL-FUNTANI**

Is-Sindku DSH informat li kienu nġiebu wkoll kwotazzjonijiet għal metal grid biex jitgħattew il-funtani tal-ġonna. Hija żiedet tgħid li l-Ambaxxata Torka kienet offriet li tkun *sponsor* għal funtana minnhom. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-ELC u jitlob parir dwar kif l-aħjar li jsiru l-metal grids.

**26.9.7 STANDS TAL-FLORIANA HERITAGE TRAIL**

Is-Sindku DSH qalet li kienu ntalbu diversi kwotazzjonijiet biex jitranġaw l-i*stands* tal-Floriana Heritage Trail peress li kienu magħmulin minn ħadid fondut u ma jistgħux jissewwew. Ta' min jinnota wkoll li peress li l-prezz mitlub biex isiru ġodda hu sostanzjali, ikollha tinħareġ sejħa għal tender. Is-Segretarju Eżekuttiv informat li matul il-laqgħa li nżammet mal-Middlesea plc.kien intwera' interess mill-kumpanija biex tgħin lill-Kunsill f'dawn is-sinjali. Hija issuġġeriet li l-Kunsill jikkuntattja wkoll kumpaniji oħrajn biex jara jekk ikunux interessati jkunu *sponsors* għal dawn l-*istands*. Il-Kunsill qabel li għandu jesplora din il-possibbiltà'.

**26.9.8 TENDER: KNIS TAT-TOROQ**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għat-tender tal-knis tat-toroq u qalet li t-tender co-ordinator tal-Kunsill kien ressaq xi punti validi li għandhom jiġu diskussi. Għalhekk is-Sindku ressqet

mozzjoni sabiex terġa' tinfetaħ id-diskussjoni rigward dan it-tender, issekondata mill-Kunsillier AD. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 5 (DSH, SD, VB, JAE, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Is-Sindku DSH talbet li tiġi ppreżentata l-iskeda tat-tindif tat-toroq sabiex tkun tista' tiġi diskussa fid-dettall. Hija qalet li l-iskeda tat-toroq għandha tiġi onorata.

**Nota: 18:10 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.**
**18:13 Is-Sindku DSH irritornat lura għal-laqgħa.**

Wara li saret diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jdaħħal klawsola fejn jiġi stipulat li l-Kunsill jirriserva d-dritt li jimpjega *contracts manager* jekk jara l-bżonn, kif ukoll li l-Kunsill jista' jikkunsidra li jinvesti f' GPS *tracking devices*. Il-Kunsill esiġa li l-kuntrattur għandu jimxi mal-iskeda tat-tindif provduta mill-Kunsill.

Is-Sindku DSH talbet li l-iskeda tat-tindif tat-toroq tiġi ċirkolata lill-kunsillieri sabiex ikun jista' jsir xi tibdil. Hija talbet ukoll li tiġi ċirkolata l-email li ntbagħtet mit-*tender co-ordinator*. Il-Kunsill qabel li l-membri għandhom jevalwaw l-offerta' u s-suġġerimenti u sussegwentement, jgħadduhom lis-SE MLL sabiex l-offerta' tkun tista' tiġi ppublikata mill-aktar fis.

**26.9.9 XIRI TA' SAFETY SHOES**

Is-Sindku DSH qalet li ntalbu kwotazzjonijiet għal *safety shoes* għal wieħed mill-ħaddiema. Il-Kunsill qabel li ladarba l-ammonti kienu simili, għandu jħalli d-deċiżjoni f'idejn il-ħaddiem tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jesiġi li l-ħaddiema għandhom dejjem jużaw s-*safety equipment* provdut lilhom għal benfiċċju tas-sigurtà tagħhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

**26.9.10 POWER SURGE: CAMERA FI TRIQ SAN PUBLJU**

Is-Sindku DSH ressqet kwotazzjoni mingħand AllSec rigward soluzzjoni għal power surges tal-camera li hemm installata fi Triq San Publju. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ikkuntattjat lill-kumpanija biex tara jekk setax isir UPS biex isolvi dil-problema, izda kienet għadha qed tistenna risposta.

**26.10 KORRISPONDENZA**

**26.10.1** Il-Kunsillier AGS ressaq mozzjoni sabiex il-materji nru 26.11 u 26.12 jiġu diskussi qabel materja nru 26.10, issekondata mill-Kunsillier JAE. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur b'mod unanimu.

**26.11 DEKASTERI**

**26.11.1** Is-Sindku DSH qalet li wara r-riżenja tal-eks kunsillier Matthew Paris, kien hemm bżonn li jiġu riveduti d-Dekasteri. Il-Kunsillier JAE qal li kien lest jieħu d-dekasteru tal-attivitajiet f'idejh. Is-Sindku DSH qalet li dan id-dekasteru għandhom jieħdu ħsiebu l-Kunsillier AD, JAE u s-Sindku.

Wara diskussjoni, ġie deċiż li jkun hemm dawn il-kambjamenti fid-dekasteri:
**Kultura u storja** – Il-Kunsillier AD
**Patrimonju Lokali** – Il-Viċi Sindku VB
**Turiżmu** – Is-Sindku DSH
**Relazzjonijiet mal-Pulizija u ħarsien taċ-ċittadin** – Il-Viċi Sindku VB u l-Kunsillier AGS
**Sport** – Il-Kunsillier AGS

Il-Viċi Sindku VB ppropona li l-lista tad-dekasteri għandha terġa' tiġi ċirkolata sabiex tirrifletti dan it-tibdil.

**26.12 PARKEĠĠ**

Il-Kunsillier AGS qal li kien hemm bżonn li tinstab soluzzjoni għall-parkeġġ fil-lokalità. Huwa qal li ħafna mir-residenti kienu anzjani u għalhekk issuġġerixxa li s-sistema ta' parkeġġ fil-Floriana għandha ssir bħal dik tal-Belt Valletta u cioe' li nofs it-toroq ikunu riservati biss għar-residenti. Il-Kunsillier AGS żied jgħid li minkejja li hemm il-gwardjani lokali, jemmen li xorta waħda jsir abbuż minn dawk li jipparkjaw fil-lokalità. Il-Kunsillier AGS qal ukoll li fil-Floriana hemm diversi żoni ta' parkeġġ kbar li jistgħu jintużaw minn nies li jżuru l-Floriana bil-vetturi tagħhom. Il-Kunsillier JAE fakkar ukoll li hemm is-servizz tal-Park n' Ride.
Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-proposta tal-Kunsillier AGS u qabel li għandu jikteb lill-Ministru Mizzi sabiex jistaqsi meta jistgħu jinbdew id-diskussjonijiet dwar din il-materja.

**Nota: 18:40 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

**26.10 KORRISPONDENZA**

26.10.1 Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-President tal-AKL fejn informaw lill-Kunsill b'maintenance agreement li kien qed isir fir-rigward tal-*playing fields*. Il-Kunsill qabel li għandu jifforma parti minn dan l-arranġament.

26.10.2 Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza rigward fondi biex jiġu stallati *bicycle racks*. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob iktar informazzjoni dwar din il-proposta u li din it-talba għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

26.10.3 Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bl-iskema għall-attivitajiet kulturali. Hija qalet li l-ispiża tal-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat żdiedet minħabba z-żieda fil-kmamar tan-nar parteċipanti. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-iskema msemmija.

26.10.4 Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-AKL li talbu laqgħa nhar il-21 ta' Frar 2017 fis-6.30pm. Il-Kunsill qabel li jilqa' l-proposta u jistaqsi dwar il-punti li ser jiġu diskussi sabiex ikun jista' jipprepara.

26.10.5 Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-V18 fejn informaw lill-Kunsill b'seminar li kien ser jiġi organizzat nhar it-23 ta' Frar 2017. Is-Sindku DSH talbet lill-kunsillieri sabiex min ikun interessat jikkonferma l-attendenza tiegħu.

26.10.6 Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Laqgħa Plenarja tal-Kunsill kienet ser issir nhar l-4 ta' Marzu 2017. Il-Kunsill qabel li għandhom jattendu l-Viċi Sindku VB u l-Kunsillier AD.

26.10.7 Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienu ħarġu l-linji gwida għar-restawr tal-faċċati. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li dawn jiġu reklamati fuq il-paġna tal-Kunsill, kif ukoll jiġi ċirkolat il-*poster* biex jitwaħħal fin-*noticeboards* tal-Kunsill kif ukoll tal-każini.

26.10.8 Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienu reġgħu ħarġu applikazzjonijiet biex il-Kunsill japplika għal *renewable energy*. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonsulta mal-Perit għal xi ideat.

**26.13 RIĠENERAZZJONI TAL-FLORIANA**

Is-Sindku DSH qalet li kienet intbagħtet korrispondenza lill-Onorevoli Deborah Schembri bil-punti li kienu qamu matul il-laqgħa. Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li hi kienet ser tieħu post l-eks kunsillier Matthew Paris fil-Forum Riġenerazzjoni tal-Floriana.

**26.14 PERMESSI TAL-GABBANI GĦAL ŻMIEN IL-KARNIVAL**

**26.14.1** Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'xi permessi li ma kienux inġabru f'dawn l-aħħar snin u qalet li l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jallokax dawn il-posti vojta lil applikanti ġodda. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-posti għandhom jingħataw lill-applikanti skont il-waiting list.

**26.15 ST PATRICK'S DAY**

**26.15.1** Is-Sindku DSH informat li l-kantanti għal St Patrick's Day ser ikunu: Klinsmann, Novel, Crowns u Ozzy Lino. Hija żiedet tgħid li ser ikun hemm ukoll *bag pipes band*, eċċ. Is-Sindku qalet ukoll li l-attività' kienet ser tinżamm fid-19 ta' Marzu. Is-Sindku qalet li l-preparazzjonijiet kienu sejrin tajjeb – u nformat ukoll li kienu nġiebu diġà żewġ sponsorships: €450 mingħand il-Corinthia Group u €150 mingħand WM Environmental.

**26.16 JUM IL-FLORIANA**

**26.16.1** Is-Sindku DSH qalet li kien hemm bżonn li l-Kunsill jiddeċiedi fejn kienet ser issir l-attività'.

**26.16.2** Is-Sindku DSH qalet li l-kantanti magħżula kienu Bradley Debono u Leah Cauchi. Rigward preżentaturi, hija qalet li dawn ser ikunu Mario Xuereb u Jacky Mercieca.

**26.16.3** Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-għażla tal-membri tal-bord. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattja lil Jane Farrugia u lil Kenny Roberts biex jifformaw parti mill-bord. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier AD għandu jirrappreżenta lill-Kunsill bħala parti mis-sottokumitat.

**26.16.4** Rigward il-premjijiet ta' Jum il-Floriana, il-Kunsill qabel li l-applikazzjonijiet għandhom jagħlqu fit-23 ta' Marzu 2017.

**26.16.5** Il-Kunsillier JAE qal hu kien ser jibda' jaħdem fuq il-preżentazzjoni tas-serata ma' Jean Claude Vella.

**26.17 BANNERS TA' JUM IL-FLORIANA**

Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li l-personalitajiet għal Jum il-Floriana 2017 għandhom ikunu dawn:

Stephanie Davies; Twanny Piscopo; Dominic Galea; John Holland; Fra Piju Ellul u Tony Agius.

**Nota: 19:11 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.**

**26.18 ATTIVITAJIET MA' MACERATA**

**26.18.1** Is-Segretarju Eżekuttiv MLL qalet li kien intbagħat invit lil Comune di Macerata sabiex jattendi għall-festival però' kien għad m'hemmx konferma. Hija żiedet tgħid li l-akkomodazzjoni kienet qed tiġi sponsorjata mill-lukanda Grand Hotel Excelsior u li l-Kunsill ser jieħu ħsieb it-trasport u l-ispejjeż lokali.

**26.18.2** Il-Viċi Sindku VB issuġġerixxa li l-indirizz ta' qabel il-festival għandu jsir mis-Sindku tal-Floriana kif ukoll mis-Sindku ta' Macerata. Huwa żied jgħid li jemmen li tali żjara għandha tgħin biex tkompli ssaħħaħ il-ġemellaġġ li hemm bejn il-Floriana u Macerata.

**26.19 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR MEKKANIZZAT**

**26.19.1** Il-Viċi Sindku VB qal li kienet inżammet laqgħa mal-ko-ordinatur tal-festival fejn kienu ġew diskussi diversi punti. Huwa żied jgħid li fl-eventwalita' ta' maltemp, il-festival ma jistax isir il-Ħadd minħabba li kien ser jinżamm il-Festival tan-Nar tal-Ajru fil-Port il-Kbir dakinhar. Lanqas ma ser jinżamm it-Tnejn peress li l-ispejjeż jirdoppjaw.

**Nota: 19:17 Is-Sindku DSH irritornat għal-laqgħa.**

**26.19.2** Il-Kunsillier JAE qal li f'każ li l-festival ma jsirx, il-kmamar tan-nar għandhom jaqblu li għandhom jipparteċipaw fl-edizzjoni li jmiss.

**26.19.3** Is-Sindku DSH ressqet proposta sabiex il-Kunsill ma jilqax applikazzjonijiet għall-użu tal-KGV fil-weekend tal-festa tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel.

**26.20 ISLE OF MTV**

**26.20.1** Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal-laqgħa li nżammet rigward din l-attività' fejn ġew imressqa diversi suġġerimenti mill-Kunsill. Is-Sindku kompliet billi issuġġeriet li tintalab laqgħa mal-organizzaturi tal-Isle of MTV, mas-security persons tagħhom kif ukoll mal-Pulizija sabiex ikunu jistgħu jiġu diskussi l-punti mressqa. Hija żiedet tgħid ukoll li għandha ssir laqgħa ma-negozji tal-lokalita'. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li n-negozji fil-Floriana ma jbatux kif sar fl-edizzjoni preċedenti.

**26.21 IL-KUNĊERT TA' JOSEPH CALLEJA**

**26.21.1** Is-Sindku DSH qal li kien hemm talba minn NNG Promotions sabiex jerġa' jiġi organizzat il-kunċert ta' Joseph Calleja fuq il-Fosos. Il-Kunsill qabel li l-organizzatur għandu l-ewwel iħallas il-bilanċ pendenti qabel ma l-Kunsill jikkunsidra li joħroġ permess għall-edizzjoni li jmiss. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill għandu jinforza l-istess kundizzjonijiet bħal dawk tal-Isle of MTV, a kwantu tan-negozji fil-Floriana. Il-Kunsillier AD qal li l-Kunsill għandu jikkunsidra wkoll li matul il-perjodu tas-Sajf jiġu organizzati diversi attivitajiet, u dan jista' joħloq inkonvenjent għar-residenti.

**26.22 TALBA GĦAL WIRI TA' FILM FIL-BERAĦ FUQ IL-FOSOS**

**26.22.1** Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand Elements System sabiex jiġi organizzat *open cinema event* fis-7 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel mal-prinċipju u qabel li għandu jiltaqa' u jiddiskuti magħhom. Is-Sindku DSH fakkret ukoll fl-attivitajiet ta' Jum l-Indipendenza li jiġu organizzati f'dak il-perjodu sabiex ma jkunx hemm ġranet fejn l-attivitajiet ikunu ser jiġu organizzati fl-istess ġranet.

**26.23 TALBA GĦALL-PARKEĠĠ GĦALL-PERSUNA BI BŻONNIJIET SPEĊJALI**

**26.23.1** Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'talba għall-parkeġġ riservat. Il-Kunsill qabel li tali talba għandha tiġi riferita lill-awtorità' kompetenti, Transport Malta.

**26.24 TALBA GĦAL BEJGĦ TA' IKEL MARBUT MA' ŻMIEN IR-RANDAN FL-INĦAWI TAL-KNISJA MATUL IL-ĠIMGĦA MQADDSA**

**26.24.1** Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'diversi talbiet sabiex jinħargu permessi għal bejgħ ta' affarijiet tal-ikel relatati mal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Kunsill qabel li għandu jalloka tliet posti a bażi ta' first come first served li jarmaw dakinhar ta' Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u d-Duluri. Il-Kunsill qabel li l-applikazzjonijiet għandhom jintlaqgħu nhar l-14 ta' Frar mid-9 'il quddiem. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinforma lill-Arċipriet tal-lokalita' b'dawn il-posti minħabba l-attivitajiet reliġjużi.

**26.25 INTERNET TAL-CAMERA TA' FUQ IL-FOSOS**

**26.25.1** Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-problema relatata mal-kamera tal-Fosos. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jagħmel konnessjoni tal-internet b'Fixed IP sabiex tissolva din il-problema.

**26.26 CAT STATION**

**26.26.1** Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand resident sabiex isir *Cat station* fil-parti ta' bejn il-Malta Scouts Association u d-Dar tal-Anzjani. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandha titnaddaf din iz-zona u li jintrefa' l-materjal li hemm żejjed fil-garage tal-Kunsill.

**26.27 STALLAZZJONI TA' MERA FI TRIQ IL-KAPUĊĊINI /TRIQ SAN TUMAS**

**26.27.1** Is-Sindku DSH ressqet talba sabiex issir mera fi Triq il-Kapuċċini c/w Triq San Tumas. Il-Kunsill qabel li għandha titwahhal mera f'din il-kantuniera sabiex jiġu evitati inċidenti.

**26.28 WEEE MALTA CONFERENCE**

**26.28.1** Is-Sindku DSH ipproponiet li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.

**26.29 TELEWORK**

**26.29.1** Is-Sindku DSH ressqet talba minn impjegata tal-Kunsill għal estensjoni tat-telework. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan għandhu jiġġeded a bażi tal-ftehim oriġinali.

**26.29.2** Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand is-Segretarju Eżekuttiv sabiex taħdem xi ġranet a bażi ta' telework minħabba raġunijiet familjari. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li jekk ikun hemm laqgħat li jaħbtu fil-ġranet li tkun *telework*, hi tattendi għalihom xorta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tapplika formalment għand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**26.30 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

**26.30.1** Il-laqgħa ntemmet fit-19:50 u ġiet aġġornata għall-10 ta' Marzu 2017 fil-5.00pm.

**Minuti konfermati llum 10 ta' Marzu 2017**

DAVINA SAMMUT HILI
Sindku

Mʼ LOURDES LAUTIER
Segretarju Eżekuttiv